Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Ammissjoni Nru: 1/2016

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Jason Farrugia

Illum 22 ta' Lulju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzat Jason Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 465983M akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Mejju 2009 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (Cannabis Resin), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;
b) Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet ;li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur ta'l-Art 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**;
d) Ikkometta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-08 t' Lulju 2011 u matul l-ahhar jiem qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda

e) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**;
f) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta'l-Ordinanza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u is-6 Taqsima tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**
g) Kellu fil-pussess tieghu il-medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghjar awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi

ksur tad-disposizzjonijiet ta'l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha. Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema medicina instabet f'tli cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

h) Ikkometta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu i-zghazagh bi ksur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

i) Talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat S. Demicoli LL.D. wahda nhar id-29 ta' April 2010 u ohra quddiem l-istess Magistrat nhar il-21 ta' Gunju 2007, liema decizjonijiet saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna l-iffrizar ta'l-assi u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jkunu imissu lill-akkuzat jew huma proprjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta mobbli jew immobbli u dan ai termini ta'l-artikolu 22A(1)(a)(b) ta'l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitlbua sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati tat-08 ta' Dicembru, 2016 fejn l-akkuzat Jason Farrugia ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-08 ta' April, 2016 fejn iddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta)

bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Semghet il-provi imressqa mid-difiza u il-*pre-sentencing report* imhejji fuq talba tad-difiza u dan ai fini tal-piena li ghandha tigi inflitta.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-08 ta' Mazru, 2016, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, tiddikjara lil Jason Farrugia hati talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Mejju 2009 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (Cannabis Resin), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;
b) Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur ta'l-Art 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Hati ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-08 t' Lulju 2011 u matul l-ahhar jiem qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda

d) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
e) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta'l-Ordinanza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u is-6 Taqsima tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolai tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**
f) Kellu fil-pussess tieghu il-medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta'l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha. Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**
g) Talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat S. Demicoli LL.D. wahda nhar id-29 ta' April 2010

u ohra quddiem l-istess Magistrat nhar il-21 ta' Gunju 2007, liema decizjonijiet saru definittivi.

B'dan madanakollu illi l-Qorti qed tillibera lill-hati mill-aggravvju ghall-imsemmija akkuzi li dwarhom gie misjub hati, kif stabbilit fl-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-akkuzi bl-ittri (d) u (h) billi l-istess aggravvju ma giex ippruvat u dan fid-dawl tar-rapport imhejji mill-espert tal-Qorti, il-Perit Richard Aquilina li jinsab esebiet a fol.165 tal-process.

Ikkunsidrat,

Illi il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija fasslu il-linji gwida li il-Qorti ghandha issegwi liema linji gwida huma indikati fid-decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi inoltre fil-kaz in dizamina il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi apparti l-ammissjoni irregistrata mill-akkuzat. Illi mix-xhieda tal-ufficjali tal-Habs Philip Galea u Kevin Borg jirrizulta illi l-hati fil-perijodu li ilu jinzamm taht arrest preventiv gharaf jaghmel uzu tajjeb mill-inkarcerazzjoni tieghu billi ighin fix-xogholijiet ta' manutenzjoni tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin tant illi illum huwa bniedem fdat gewwa l-Facilita u huwa moghti ir-responsabbilta ghal diversi xogholijiet li isiru mhux biss gewwa dan l-edificju izda ukoll barra mill-istess Habs. Xhieda ta' dan jinsab ukoll fir-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina u d-dokumenti ufficjali migbura minnha f'dan ir-rapport fejn l-hati sahansitra kiseb rikonoxximent mill-Ministru ghall-Intern ghax-xoghol siewi li qed jaghmel.

Illi inoltre il-Qorti ser tiehu ukoll in konsiderazzjoni ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-ufficjal tal-Probation li tghid hekk:

"Fid-dawl tal-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Jason Farrugia piena karcerarja hija tassattiva. Minkejja dan, wiehed jirrikonoxxi li Jsaon Farrugia f'dan l-istadju jidher jiehu responsabbilta ta' ghemilu u jifhem ir-riperkussjonijiet marbuta ma' ghemil kriminali. Barra minn hekk l-andament posittiv ta' Farrugia gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin flimkien mal-involviment tieghu f'attivitajiet kostruttivi fl-istess istituzzjoni jindikaw tibdil fl-attitudni tieghu li fil-prezent tiffavorixxi stil ta' hajja konformi mal-ligi."

Minn dan kollu ghalhekk jidher illi l-hati illum huwa bniedem li iddispjacieh ghall-eghmil tieghu kriminali u qed jipprova jaghmel hiltu biex ihallas ghall-azzjonijiet tieghu. Mhux biss izda huwa qieghed jaghmel uzu pozittiv miz-zmien illi huwa jinsab inkarcerat biex ighin il-komunita li bhal issa qed ighix fi hdan taghha.

Madanakollu, maghdud dan kollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-ammont ta' droga li instabet fil-pussess ta'l-akkuzat kienet wahda sostanzjali, konsistenti f'mhux inqas minn hmistax-il kilo  rezina tal-cannabis tal-valur fis-suq ta' €97355; 537 pillola MDMA maghrufa ahjar bhala 'ecstasy' tal-valur fis-suq ta' €5155 u ftit inqas minn ghaxar grammi kokajina tal-purita ta' 45% b'valur ta' €747. Dan kif jirrizulra mir-rapport tal-espert tal-Qorti, ix-xjenzat Godwin Sammut. Illi allura li kieku ma kienx ghall-azzjoni tempestiva tal-pulizija tal-iskwadra kontra d-drogi dan l-ammont kbir ta' droga kien jispicca fis-suq ittraffikat mill-hati bi qliegh kbir ghalih u bi hsara ghal numru kbir ta' vittmi ta' din is-sustanza qerrieda. Il-Qorti ghalhekk trid tara li tohloq bilanc bejn minn naha l-wahda in-natura kemmxejn serja tar-reat kommess mill-hati u minn naha l-ohra l-koperazzjoni shiha tal-hati mal-amministrazzjoni tal-gustizzja li gharaf l-izball tieghu u qed jaccetta li ghandu ihallas ghalih.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 2, 8(a)(b)(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1B)(2)(b)(i)(2B)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-Regolamenti 4, 4(a), 8 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 (L.N.292/1939), l-artikoli 40A, 120A(1)(a)(1A)(1B)(2)(a)(aa)(2A) u ir-regolamenti 2, 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 31.18 u l-artikoli 17(h), 18, 20, 22, 23, 49 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati Jason Farrugia ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tlettax-il sena (13) flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf

ewro (€23000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' sena prigunerija fit-termini ta'l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tikkundannah ihallas s-somma ta' sitt elef seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (€6721.95), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

Edwina Grima

Imhallef